MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 291/2003

**Holistic Technologies Limited**

**vs**

**Delta Malta Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta’ attrici fit-30 ta’ Mejju 2003 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta Delta Malta Limited li thallas is-somma ta’ elfejn lira sitt mija tmienja u hamsin lira u hames centezmi, (Lm2658.05) bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ prodotti mibjugha u konsenjati u servizzi rezi fuq inkarigu tieghek.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 11 ta’ Frar 2003 u tal-ittra ufficjali datata 24 ta’ Marzu, 2003 u bl-interessi mill-istess data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Delta Malta Limited fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li x-xoghol maghmul mis-socjeta' attrici ma sarx skond is-sengha u l-arti;

2. Illi in oltre, s-socjeta' attrici ma kkonsenjatx prodott u ma tatx servizz skond il-ftehim bejn il-partijiet u dan kif ser jigi muri tul is-smiegh tal-kawza;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta' attrici tispecjalizza fl-informazzjoni teknikologika u s-socjeta' konvenuta talbet is-servizzi taghha ghall-installazzjoni ta' nodules u sistema ghall-ahjar maneggjar tan-negozju taghha. Jidher illi din il-kwistjoni bdiet wara li s-socjeta' konvenuta kienet talbet is-servizzi tas-socjeta' attrici fl-1999 ghal sistema ta' nodules u upgrading ta' sistema komputerizzata tan-negozju tas-socjeta' konvenuta. Il-process dam sejjer diversi snin u jidher illi kien hemm relazzjonijiet amikevoli bejn iz-zewg kumpaniji, tant hu hekk illi s-socjeta' attrici b'ittra tad-9 t'April 2002 mibghuta lil Simon Bianco bhala direttur tas-socjeta' attrici fahhret l-operat tas-socjeta' attrici u ddeskrivietu bhala *"well done"* (fol 27). Hemm ukoll rakkomandazzjoni l-aktar gholja maghmula mis-socjeta' konvenuta favur is-socjeta' attrici (fol 28).

Jidher pero' li ghal habta ta' nofs is-sena elfejn u tnejn kien hemm xi kwistjoni bejn il-partijiet. Tant hu hekk illi Joseph Attard direttur tas-socjeta' konvenuta jghid *"illi kien ghal habta ta' Frar tal-elfejn u tnejn illi r-relazzjonijiet bejn iz-zewg kumpaniji marru ghall-ghar...."* (fol 63). F'Settembru ta' l-elfejn u tnejn id-direttur tas-socjeta' attrici Simon Bonanno kiteb lis-Sur Attard u staqsieh meta kien

sejjer jaghmel l-ahhar pagament illi kien ghad fadallu (fol 29). Jidher illi hawnhekk is-Sur Attard irrispondieh illi kellu jikkonsidra l-pakkett diga’ mhallas (fol 30). Meta mbaghad saret din il-kawza s-socjeta’ konvenuta eccepiet illi l-prodott li rceviet mis-socjeta’ attrici ma kienx tajjeb u ma kienx tal-kwalita’ miftiehma.

Is-Sur Attard a fol 51 ighid *“izda bid-W4 package, illi taghtni s-socjeta’ attrici, sibt illi dan ma kienx possibli. Ma kienet effettiva xejn....”* F’email mibghuta fid-9 ta’ Dicembru 2002 lil Simon Bonanno s-Sur Attard ighidlu *“.... we unfortunately have to invest in new software for our production system to replace the existing W4 package.”*

Fil-mori ta’ din il-kawza l-avukat tas-socjeta’ attrici l-avukat Joe Bonnici qajjem il-kwistjoni tan-nuqqas ta’ depozitu tas-sistema min naha tas-socjeta’ konvenuta (ara verbal 10 ta’ Jannar 2006 fol 61) u fit-23 ta’ Ottubru 2006 is-socjeta’ konvenuta baghtet ittra ufficjali lis-socjeta’ attrici sabiex din tirtira s-sistema li kienet installat ghandha (fol 102). Meta s-socjeta’ attrici ma wegbitx, sar id-depozitu tas-sistema permezz ta’ cedola datata 21 ta’ Novembru 2006 (fol 109). Ghalhekk f’dan l-istadju qamet il-kwistjoni jekk is-socjeta’ konvenuta kienetx gustifikata illi fil-mori ta’ din il-kawza taghmel id-depozitu. Minn naha l-ohra, s-socjeta’ attrici qed tghid illi dan ma setghetx taghmlu imma se mai fil-bidu nett ta’ dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghha s-socjeta’ konvenuta qalet *“li ma hemm ebda terminu ta’ zmien ghall-intavolar ta’ haga li mhijiex tal-kwalita’ pattwita’....”* u ghamlet referenza ghall-artikolu 1390 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn irrizulta illi s-socjeta’ konvenuta kellha ghazla li tipprocedi b’kawza hi stess jew inkella taghzel is-sistema imma fuq stima anqas ta’ periti imqabdin mill-Qorti.

Minhabba r-raguni teknika ta’ din il-kwistjoni l-Qorti jidhrilha illi ghall-ewwel ghandha tiddisponi minnha qabel ma tghaddi ghal meritu jekk ikun il-kaz.

Ikkunsidrat:

Kif tajjeb osservat is-socjeta' konvenuta dina kellha dritt illi topponi t-talba tas-socjeta' attrici u tecepixxi n-nuqqas adempjement kuntrattwali permezz ta' eccezzjoni. Fil-kawza W Portelli noe vs Paul Laferla (Vol XXX pt i pg 751) il-Qorti qalet *"il-kompratur ghandu dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-bejgh, mhux biss permezz ta' azzjoni, imma anke permezz ta' eccezzjoni fil-kawza proposta kontra tieghu."* F'din il-kawza s-socjeta' konvenuta mhix qieghda titlob ir-rizoluzzjoni tal-bejgh ghax ovvjament il-kawza ma ghamlithiex hi, imma qieghda topponi t-talba tas-socjeta' attrici ghal hlas tal-bilanc peress illi s-socjeta' attrici naqset li tezegwixxi l-obbligazzjonijiet kuntrattwali taghha meta pprovditilha prodott li ma kienx tal-kwalita' miftiehma. Naturalment is-socjeta' attrici bhala li pprovdiet il-merkanzija u s-servizz ghandha l-obbligu li tiggarantixxi l-prodott illi hija ssupliet, quindi s-sistema li giet installata fil-computers tas-socjeta' konvenuta.

Il-kawza Portelli vs Laferla fuq imsemmija tghid *"il-kompratur jista' jirrifjuta l-merkanzija mhux biss meta ma tkunx bhal kampjun imma wkoll fil-kaz li avolja l-merkanzija tkun bhal kampjun, pero' l-kwalita' tkun diversa minn dak miftiehma."* Dan hu proprju l-ilment ta' Joe Attard ghas-socjeta' konvenuta meta jghid li sfortunatament kellhom jinvestu f'software gdid ghal "production system" taghhom biex ibiddlu s-sistema W4 li nstallat is-socjeta' attrici. Minkejja dan pero' s-socjeta' konvenuta ma ghamlet l-ebda reklam legali kontra l-allegat nuqqas tas-socjeta' attrici. Tant hu hekk illi s-sistema baqghet ghandhom ghal diversi snin. Joe Attard a fol 63 ighid illi *"sa dan it-tant l-wisdom 4 package ghadu ghandna u bicciet minnha ghadna qeghdin nuzawh, pjuttost parti zghira.....".* Rega' qal *"is-sistema llum qieghda fil-pussess taghna, qieghda fis-server imma ma nuzawhiex, nuzaw bicca zghira..."* Kien biss wara illi sar il-verbal ta' l-10 ta' Jannar 2006 illi s-socjeta' konvenuta rrealizzat l-implikazzjonijiet legali ta' dan il-pussess u sar id-depozitu tas-sistema fil-21 ta' Novembru 2006.

Ghad illi huwa veru illi l-artikolu 1390 kif imsemmi mis-socjeta' konvenuta ma jsemmix termini, l-gurisprudenza pero' tghid mod iehor.
Ikkunsidrat:

Fil-kawza <u>"Edward Vincenti vs Carmelo Mazzitelli"</u> (Vol XXX pt i pg 678) il-Qorti qalet *"id-dritt li ghandu x-xerrej kontra l-venditur bis-sahha ta' l-artikolu 1104 (illum 1039) tal-Ordinanza VII tal-1868, fil-kaz li l-oggett tal-bejgh ma jkunx tal-kwalita' miftiehma, ghandu jigi ezercitat fi zmien sentejn".* Quindi, jekk is-socjeta' konvenuta dehrilha li kellha xi dritt ta' azzjoni kontra s-socjeta' attrici dan it-terminu almenu kellu jibda minn Frar tal-elfejn u tnejn meta kif qal l-istess Joe Attard tas-socjeta' konvenuta, kien dak iz-zmien illi *"......r-relazzjonijiet bejn iz-zewg kumpaniji marru ghall-ghar..."* (fol 63)  Madankollu s-socjeta' konvenuta ma ghamlet xejn, baqghet biss tirreklama illi hija ma haditx prodott sodisfacenti,  zzomm l-istess prodott u tirrifjuta li thallas.

Hija l-fehma ta' din il-Qorti li dan ma setghetx taghmlu. Kellha pero' zewg ghazliet: jew tagixxi fit-terminu ndikat jew tiddepozita fl-istess fit-terminu f'kawza maghmulha kontra taghha. Fin-nuqqas, ghandha thallas il-pagament shih. Kif rapurtat fil-kawza *<u>"Frederick Micallef et noe vs May</u> <u>Sullivan"</u> deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Novembru 2002,  jekk il-kompratur iddecieda li jzomm l-ghamara ordnata, bid-difetti b'kollox, u fin-nuqqas ta' kawteli legali, jkun ippregudika irremidjalment d-drittijiet tieghu. In-nuqqas ta' azzjoni tfisser  daqs rinunzja tad-drittijiet. (ara wkoll "Attard Bros. vs Direttur ta' l-Edukazzjoni" Appell Inferjuri 4 ta' Novembru 1992).*

L-istess <u>Mizzi vs Refalo</u> (Vol XXI pt iii pg 49) *"il rifiuto della merce non e' piu' possibile quando ricevuta la stessa, il compratore  ne disponga anche in parte.....".* Kif inghad aktar 'l fuq Joseph Attard ghas-socjeta' konvenuta jghid illi s-sistema qieghda fil-pussess taghhom imma juzaw parti minnha biss.  Ghalhekk f'dan l-istadju mhuwiex fi grad illi jirrifjuta l-merkanzija, cioe' s-sistema illi giet konsenjata lilu.

Ikkunsidrat:

Kif intqal aktar l'fuq l-artikolu 1390 tal-Kap 16 ma jsemmix terminu imma l-gurisprudenza kkwotata stabbiliet terminu ta' sentejn meta kompratur jista' jaghmel il-kawza ghad-danni ghal nuqqas ta' inadempjenza ta' l-obligazzjonijiet kuntrattwali tal-bejjiegh. La l-kompratur jista' jecepixxi n-nuqqas ta' l-inadempjenza b'kawza maghmula kontra tieghu, allura jsegwi illi l-kompratur ghandu terminu ta' sentejn sabiex huwa wkoll jikkawtela d-drittijiet tieghu u jiddepozita fil-Qorti l-oggett inkwistjoni. Il-pregudizzju ghax-xerrej f'sitwazzjonijiet bhal dawn mhuwiex ghax huwa jkun ircieva l-oggett imma ghax ikun naqas illi jesegwixxi l-kawteli legali sabiex jottempra ruhu mal-ligi u ma jitlifx id-dritt li jew jagixxi jew inkella jopponi t-talba tal-venditur.

Fil-kawza Buttigieg vs Hertz (Vol XXX pt ii pg 163) il-Qorti qalet *"il-kompratur ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt meta l-oggett ma jkunx konformi ghal ftehim, avolja jkun ircieva l-oggett tal-bejgh, sakemm ma jkunx tilef dan id-dritt f'att tieghu stess."*

Dan id-dritt quindi jintilef meta l-kompratur ma jikkawtelax id-drittijiet tieghu ghal nuqqas ta' inadempjenza ta' obbligazzjonijiet kuntrattwali fi zmien sentejn fuq indikat. Id-depozitu li ghamlet is-socjeta' konvenuta huwa wiehed tardiv u sar biss wara illi l-avukat tas-socjeta' attrici gibed l-attenzjoni tas-socjeta' konvenuta illi dan id-depozitu baqa' ma sarx fil-mori ta' din il-kawza. Ghalhekk il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghad-decizzjoni Diacono vs Galea kif riportata fil-volum XIII pt iii pg 59 fejn intqal *"se il compratore riceve la merce e la tratiene senza reclamo, si deve presumere che egli sia sodisfatto della qualita della stessa. L'azione redibitoria e l'estimatoria trascorsi inutilmente i termini stabiliti per loro esercizio dall'articolo 1145 del Ordinanza VII 1868, non possono opporsi, neppure in via di eccezione, al venditore che reclama il pagamento del prezzo."*

Ghalhekk la darba s-socjeta’ konvenuta ma kkawtelatx id-drittijiet taghha fi zmien sentejn jew minn meta giet installata s-sistema, jew minn meta ndunat illi s-sistema ma kienetx tal-kwalita’ pattwita’, allura issa tilfet id-dritt li tagixxi b’fatt taghha stess u ma tistax topponi t-talba tas-socjeta’ attrici ghal hlas tal-bilanc kif mitlub fl-avviz.

Ghal dak li huwa l-quantum ta’ l-ammont dovut ma jidhirx li hemm kwistjoni bejn il-partijiet. Is-socjeta’ attrici pprezentat il-kontijiet taghha u s-Sur Attard ghas-socjeta’ konvenuta jirrikonoxxi illi ghad fadallu jhallas l-ammont ta’ Lm2191 (fol 51) pero’ ma ggustifakx dan l-ammont u lanqas ma qal kif u fejn kellu jaghti dan l-ammont u mhux l-ammont reklamat mis-socjeta’ attrici. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi t-talba tas-socjeta’ attrici timmerita konferma fl-intier taghha u s-socjeta’ konvenuta issa m’ghandhiex triq ohra hlief li thallas.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallas is-somma ta’ elfejn lira sitt mija tmienja u hamsin lira u hames centezmi (Lm2658.05) bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ prodotti mibjugha u konsenjati u servizzi rezi fuq inkarigu taghha.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------